IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum is-26 ta' Frar, 2026

Rikors numru: BCT/98/2025

Membri:

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

Keith Borg

Vs

L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

Ra r-rikors ippreżentat mill-attur fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

> *To whom it may concern,*
> *I hope this email finds you well. I am writing this email to object with regards to penalties incurred*
> *(REF BCA/P08/0208/2025 & BCA/P08/0209/2025) dated 11/11/2025. These penalties were received*
> *to the on 43, L-Irdoss, Triq l-Ghammiel Tal-Bejt, Mosta (Ref: PA/06308/22).*
> *As instructed by the notification email of remedial works that needed to be carried out dated*

11/10/2025 (attached), remedial works needed to be carried out within 3 days. Attached please find
photographic proof of the remedial works carried out.
I would appreciate if these penalties are revoked, based on the fact that remedial works were carried
out within the given timeframe.
If you need further information, do not hesitate to contact me.
Kind regards,
Keith Borg

Ra r-risposta tal-Awtorita' intimate li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi qed jkun anness u mmarkat bħala DOK BCA 1, Affidavit tal-uffiċjali inkarigat, fejn jispjega li seħħew l-infrazzjonijiet u qabel l-aħħar spezzjoni fejn l-istruzzjonijiet li inataw ma ġew segwiti u ma sar xejn, kien għalhekk li l-Awtorita' imponit l-penali odjerna;*

3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Dan l-appell jittratta żewġ avviżi tal-Awtorita' intimata li jġibu l-istess data u ċioe' dik tal-11 ta' Novembru, 2025. Permezz tal-ewwel avviż l-Awtorita' intimata imponiet penali amministrattiva ta' ħames mitt Ewro (€500) bir-raġuni mogħtija tkun:

Xtiebi inadegwati u/jew li ma jimblukkawx l-aċċess għall-pubbliku inkluż tfal

It-tieni avviż jirreferi għall-imposizzjoni ta' penali amministrattiva fl-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150), bir-raġuni mogħtija tkun:

Tabella tal-Avviżi b'informazzjoni inkompluta

It-Tribunal ser jgħaddi biex iqis l-ewwel avviż u ċioe dik li tikkonċerna xtiebi inadegwati. Ir-regolament li jikkonċerna dan l-obbligu huwa naxxenti mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.08 fejn ir-regolament numru 6(c) tat-Tieni Skeda jipprovdi testwalment:

> *ftuħ għal aċċess fil-barrikati għandhom jinżammu magħluqa f'kull ħin b'xatbiet u magħluqa u msakkra b'xatbiet meta ma jkun hemm ħadd fuq is-sit, u għandhom jibqgħu jinżammu fil-post sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon talAwtorità. Dawn ix-xatbiet għandhom ikunu ddiżinjati b'mod li jipprevjenu laċċess pubbliku, speċjalment għat-tfal*

Illi l-appellant ħarrek lill-Perit Nick Inguanez li kkonferma l-argumenti magħmula fir-rikors t'appell. Hu jgħid li l-email tat-23 ta' Ottubru, 2025 mibgħuta mill-Awtorita' intimate, ma ntbagħtitx lis-Site Manager iżda ġiet mibgħuta lill-applikant innifsu u lill-Perit. Hu jgħid li in vista' ta' indisposizzjoni taż-żewġ persuni ma ttieħdet ebda azzjoni u kien biss meta intbagħtet fl-10 ta' Novembru, 2025 lill-attur innifsu li ttieħdet azzjoni u ġew indirizzati n-nuqqasijiet.

Illi l-appellant jargumenta li n-nuqqas tan-notifika għandu jiskulpah minn kwalunkwe responsabbilita'. It-Tribunal ma jaqbilx. Il-liġi ma tipprovdi imkien li l-Awtorita' hija meħtieġa li tagħti avviż qabel toħroġ ordni jew timponi penali. Il-fatt li l-Awtorita' għażlet li tibgħat avviż, dak tat-23 ta' Ottubru, u kien biss wara dak l-avviż li għażlet li timponi penali, ma jnaqqas xejn mill-ksur tar-regolament sureferit da parti tal-attur.

Illi l-Awtorita' intimata preżentat affidavit ta' David Vassallo li fih ikkonferma li kien sar kuntatt telefoniku mas-Site Manager nhar it-23 ta' Ottubru u ġie nfurmat dwar in-nuqqasijiet li kien hemm fuq is-sit. Nhar l-10 ta' Novembru 2025 saret spezzjoni u fih irriżulta "*that the unsafe side infringement was not rectified*" u "*Instruction regarding the main gate entrance were complied with*". Ix-xhud preżenta ukoll numru ta' ritratti tas-sitwazzjoni fit-23 ta' Ottubru, 2025 u dik tal-10 ta' Novembru 2025. Mir-ritratti eżebiti jidher evidenti li x-xatba kienet tippreżenta periklu ċar u evidenti. It-Tribunal jiddeplora kwalunkwe raġunar li trid tkun l-Awtorita' li tiġbed l-attenzjoni għal nuqqasijiet hekk serji li jistgħu jwasslu għal inċidenti serji. Kien l-obbligu tal-attur li jara li dawk in-nuqqasijiet ma jkunux hemm. Fid-dawl ta' dan it-Tribunal iqis li l-Awtorita' pruvat il-każ tagħha u l-appell f'dan ir-rigward għandu jiġi miċħud.

Għar-rigward tat-tabella ftit hemm x'jingħad. Mir-ritratti preżentati jidher biċ-ċar li t-tabella hija jew nieqsa minn informazzjoni jew inelliġibli. Ma ġiet preżentata ebda prova, mill-attur, li turi bil-kontra ta' dan. B'hekk l-appell ser

ikun qed jiġi miċħud f'dan ir-rigward ukoll. Tenut kont tal-gravita tax-xatba u l-konsegwenzi li setgħet iġġib magħha, it-Tribunal ma jqisx li jkun f'loku li jirriduċi l-ammont tal-penali amministrattiva.

Decide

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed in vista' tas-suespost jiċħad l-appell u jikkonferma ż-żewġ deċiżjonijiet tal-Awtorita' intimata ta' nhar l-10 ta' Novembru, 2025.

Dr Christopher L. Vella	**Perit Samuel Formosa**	**Inġ. Johan A. Psaila**
Chairperson	Membru	Membru